**17 ta' Awissu, 1988**

**Imhallef: –**

**Onor. Victor Borg Costanzi LL.D.**

Carmela Calì Corleo *et*

*versus*

Joseph Fava *et*

## Jattanza – Jedd Inċert – Użufruttwarju Suċċessiv

*L-użufruttwarju suċċessiv jista' jippromwovi azzjoni ta' jattanza kontra min jivvanta dritt ta' proprjetà fuq il-beni appartenenti lill-wirt anke jekk dak l-użufrutt ma jkunx għadu beda jseħħ. Meta l-liġi titkellem dwar jedd inċert tirreferi għad-dritt vantat u mhux għall-attur li jippromwovi azzjoni ta' jattanza.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fl-24 ta' Ottubru, 1985, li biha Carmela *sive* Lina Calì Corleo bħala użufruttwarja suċċessiva tal-konvenut u l-atturi l-oħra wara li ppremettew illi b'ittra tas-7 ta' Awissu, 1985 (Dok. A), Joseph Fava, il-konvenut, iddikjara li għandu l-proprjetà tal-fond 245, *Prince of Wales Road,* illum Triq Manwel Dimech, Sliema, ta' liema fond il-konvenut skond it-testment ta' Carmelo Fava (Dok. B) fl-atti tan-Nutar Victor Bisazza tas-6 ta' Mejju, 1960, għandu biss l-użufrutt ta' l-ewwel pjan u l-użu tal-pjan terren ta' l-istess fond, mentri l-attriċi Carmelina Calì Corleo għandha l-użufrutt suċċessiv tal-fond intier u wara l-mewt tagħha l-fond jgħaddi in pjena proprjetà għand l-atturi l-oħra l-aħwa Calì Corleo;

Talbu li din il-Qorti, a tenur ta' l-artikolu 404 tal-Proċedura Ċivili, (illum artikolu 403 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) (1) tipprefiġġi terminu lill-konvenut biex iġib 'il quddiem b'kawża l-pretensjoni tiegħu; u (2) li, f'nuqqas ta' dan, jiġi lilu impedut li jaġixxi qatt iżjed għal dik il-pretensjoni;

Bl-ispejjeż komrpiżi dawk ta' l-ittri bonarji ta' l-24 ta' Lulju u ta' l-14 ta' Awissu, 1985 – u bl-inġunzjoni tal-konvenut għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ippreżentata fit-23 ta' Jannar, 1986, li fiha l-konvenut Joseph Fava qal illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda *a termini* ta' l-artikolu 406 tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (illum artikolu 405 ta' l-istess Kodiċi), b'riserva ta' eċċezzjonijiet oħra;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet lill-Avukat Giuseppe Maria Camilleri għall-atturi u l-Avukat Anthony P. Farrugia għall-konvenut;

Ikkunsidrat:

Illi mid-dokumenti prodotti u mid-dikjarazzjonijiet ġuramentati tal-partijiet ġie ppruvat illi Carmelo Fava, li miet fis-7 ta' Lulju, 1967, kien ħalla testment ippubblikat fis-6 ta' Mejju, 1960, min-Nutar Victor Bisazza, li, in forza ta' l-artikolu 7 tiegħu ddispona kif ġej:

"It-testatur iħalli b'titolu ta' prelegat lil Erminia Fava, oħtu, l-użufrutt tal-ħanut numru (244) mitejn u erbgħa u erbgħin u tal-pjan superjuri tad-dar numru (245) mitejn u ħamsa u erbgħin, fi *Prince of Wales Road*, tas-Sliema, u dana sal-mewt tagħha, b'dana però li, fil-każ li dina l-legatarja tiżżewweġ, l-istess użufrutt ta' fondi għandu jieqaf minn dik il-ġurnata taż-żwieġ ta' l-istess legatarja;

Għal wara l-mewt jew f'każ ta' żwieġ ta' l-imsemmija

Erminia Fava, it-testatur iħalli b'titolu ta' legat l-użufrutt suċċessiv ta' l-imsemmi ħanut u ta' l-imsemmi pjan superjuri ta' dar lil Melita King u Joseph, aħwa Fava, ħutu, sabiex jitgawda minnhom konġuntament u bid-dritt ta' l-akkrexximent bejniethom għall-każ u għaż-żmien biss li fih dawna Melita King u Joseph Fava ma jkunux għaddew għaż-żwieġ, b'mod u manjiera tali illi, fil-każ xi ħadd minn dawna ż-żewġ użufruttwarji jmut jew jiżżewweġ, jibqa' jgawdi s-superstiti fosthom sal-ħajja kollha tiegħu, jew tagħha, skond il-każ;

Għal wara l-mewt jew żwieġ ta' l-istess Melita King u Joseph aħwa Fava, it-testatur iħalli lill-imsemmija bintu Carmelina Calì l-użufrutt suċċessiv ta' l-imsemmi ħanut u ta' l-imsemmija pjan superjuri tad-dar numri 244 u 245, *Prince of Wales Road,* Sliema, u l-pjena proprjetà ta' l-istess ħanut u pjan superjuri ta' dar, għal wara l-mewt *ta' l-istess Carmelina Calì, it-testatur* iħalliha lit-tfal nati u naxxituri ta' l-istess Carmelina Calì, f'sehem indaqs bejniethom'';

Erminia Fava u Melita King mietu t-tnejn qabel ma nbdiet dina l-kawża u l-konvenut miet fil-21 ta' Awissu, 1986, u l-ġudizzju ġie allura trasfus fil-persuna ta' Mary mart Alfons West istitwita eredi universali tiegħu;

L-imsemmi Carmelo Fava b'kuntratt tal-15 ta' April, 1963, ippubblikat min-Nutar Dr. George Bonello Du Pius ikkonċeda b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal sbatax-il sena mill-att id-dar numru 245, *Prince of Wales Road,* illum Triq Manwel Dimech, tas-Sliema lil persuna li m'hijiex parti f'din il-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar l-ittra ddatata 7 ta' Awissu, 1985, miktuba mil-legali tal-konvenut u indirizzata lil-legali ta' l-attur f'Sliema ittra ġie allegat illi l-atturi ma kellhom ebda interess legali fil-fond numru 245, *Prince of Wales Road,* Sliema peress illi l-effetti tal-legat imsemmi fl-artikolu 7 tat-testment ta' Carmelo Fava tas-6 ta' Mejju, 1962 waqgħu bil-konċessjoni tal-fond 245 b'titolu oneruż b'att tan-Nutar George Bonello Du Pius tal-15 ta' April, 1963, *sic;* iż-żewġ partijiet jaqblu illi dina l-ittra ġiet mibgħuta għan-nom tal-konvenut;

Dik l-ittra tkompli tgħid, fost ħwejjeġ oħra, kif ġej:

"Għalhekk dan il-fond waqa' in proprjetà ta' l-eredi tad-*decuius*" (li wieħed minnhom huwa l-konvenut) "mal-mewt tiegħu u l-klijenti tiegħek, li m'humiex l-eredi tad-*decuius* m'għandhom l-ebda interess fil-fond 245";

Ikkunsidrat:

Illi anke waqt il-pendenza tal-kawża l-konvenut persistentement sostna riferribilment għall-fond 245 Triq Manwel Dimech, Sliema, illi huwa, sa mill-ġurnata tal-mewt ta' ħuh Carmelo, ċjoè sa mis-7 ta' Lulju, 1967, **"dejjem ikkonsidrah proprjetà tiegħu"**;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut ippretenda u ssottometta illi *stante* li l-attriċi hija biss istitwita bħala użufruttwarja suċċessiva, u li għalhekk il-laxxitu favurha jiddependi għall-attwazzjoni tiegħu minn fatt inċert jiġifieri mill-premorjenza ta' l-użufruttwarji pre-istitwiti

għaliha, allura, skond l-istess konvenut, il-Qorti ma għandhiex tilqa' t-talba tal-jattanza għaliex 'il-pretensjoni hija waħda dwar jeddijiet inċerti li jiddependu li jista' jiġri jew ma jiġrix'; in sostenn għas-sottomissjoni tiegħu l-konvenut jiċċita l-artikolu 405 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Bir-rispett kollu lejn il-konvenut, il-Qorti ma taqbilx ma' l-interpretazzjoni li l-konvenut irid jagħti għall-imsemmi artikolu tal-liġi. Meta, f'dak l-artikolu tissemma pretensjoni l-artikolu qiegħed jirriferixxi għal pretensjoni li tagħti kawża għall-azzjoni ta' jattanza u mhux għal pretensjoni li jkollu l-attur f'dik il-kawża. Jiġifieri dak l-artikolu ma jippermettix li t-talba ta' l-atturi, f'dana l-każ, li tiġi milqugħha, jekk il-pretensjoni **vantata mill-konvenut** fl-ittra msemmija tas-7 ta' Awissu, 1985, tkun dwar jedd inċert li jiddependi minn fatt li jista' jiġri jew ma jiġrix;

Ma hemm ebda jedd inċert vantat mill-konvenut fl-imsemmija ittra; huwa jsostni illi l-proprjetà tal-fond hija ta' l-eredi (li huwa wieħed minnhom) ta' l-imsemmi Carmelo Fava;

Għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut ma treġġix;

Ikkunsidrat:

Illi l-pretensjoni avvanzata bil-miktub mill-konvenut kif fuq intqal ġiet segwita miċ-ċitazzjoni ta' l-atturi, li kollha għandhom interess ġuridiku li jistitwuha; – ċitazzjoni ppreżentata fiż-żmien ikkontemplat mil-liġi;

Għal dawna l-motivi l-Qorti, fil-ħin li tiċħad l-eċċezzjoni ssollevata mill-konvenuta tilqa' l-ewwel talba kkontenuta fiċ-ċitazzjoni u tagħti lill-konvenut xahar żmien mil-lum biex

jiddeduċi f'ġudizzju l-pretensjoni tiegħu dwar il-fond numru 245 Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema, kif avanzata fl-ittra msemmija u tirriserva li tipprovdi dwar it-tieni talba wara li jgħaddi dana ż-żmien;

L-ispejjeż huma riservati għall-ġudizzju finali;

Il-kawża hija differita għall-24 ta' Awissu, 1988 fid-9.15 a.m.